**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, is-16 ta' Mejju 2022**

**IL-PULIZIJA**

**VS**

**CEDRIC LINO MIFSUD**

(I.D. 266696(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Cedric Lino Mifsud** ta' 21 sena, iben Emanuel u Giorgia nee' Scicluna, imwieled Pieta', nhar il-21 ta' Gunju 1996, residenti fil-fond 9, St. Joseph, Flat 1, Misrah tal-Madonna Medjatrici, Haz-Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 266696(M), senjatament akkuzat talli nhar it-13 t'Awwissu 2017 u anke matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer:

1. Biegh jew xort'ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1],

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021;

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet ghal-ismigh mill-gdid tax-xhieda mismugha viva-voce minn dina l-Qorti diversament preseduta[2];

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

i. <u>Fatti tal-Kaz</u>

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

L-ispettur **Mark Mercieca**, li xehed li fit-13 t'Awwissu 2017 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu, waqt li l-pulizija kienu qed jaghmlu spezzjoni fil-parking tal-Axis, gewwa Paceville, gewwa nnotati tlett persuni, Jake Azzopardi, Alesandro Infurna u Cedric Lino Mifsud. Il-pulizija setghu jinnotaw lil dawn it-tlett persuni jagixxu b'mod suspettuz malli rawhom u ghaldaqstant saret tfittxija fuqhom. Fuq Jake Azzopardi nstab pakett tas-sigaretti tal-marka Pall Mall kontenenti zewgt joints suspettati haxixa (Dok. MM1). Fuq il-qua imputat instabu zewgt joints f'pakett tas-sigaretti tal-marka Rothmans switch (Dok. MM). Huma gew mitkellma mill-pulizija fuq il-post u dana wara li nghataw id-drittijiet taghhom fejn kemm Azzopardi kif ukoll il-qua imputat iddikjaraw li xtraw l-imsemmija sustanza minghand Furna. Mercieca jiddikjara ukoll li in konnessjoni ma dan il-kaz tressaq il-Qorti Alessandro Infurna b'akkuzi ta' traffikar, fejn huwa kien ammetta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u gie kkundanat ghall-perjodu ta' prigunerija effettiva. L-ispettur jiddikjara li dan kien possibli bil-kooperazzjoni tal-imputat u per konsegwenza huwa kkonferma bil-gurament li l-qua imputat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fix-xhieda tieghu l-ispettur Mercieca jaghmel referenza ghad-

[1] Fol. 13 tal-atti processwali.
[2] Fol. 39 tal-atti processwali.

dikjarazzjoni tar-rifjut tal-assistenza legali ezebieta a fol. 4 tal-atti processwali u l-istqarrija tal-qua imputat a fol. 5 tal-atti processwali.

L-imemmija stqarrija giet irrillaxata mill-qua imputat wara li huwa gie mghoti d-drittijiet kollha tieghu skond il-ligi hekk kif inhi vigenti illum il-gurnata (ghaldaqstant inkluz id-dritt li jkun legalment assistiet minn avukat jew prokuratur legali waqt l-istqarrija) kif ukoll wara li huwa rrifjuta l-istess drittijiet u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens. F'din l-istqarrija l-imputat jikkonferma li dan kien l-ewwel kaz tieghu mal-pulizija u li huwa kien jahdem gewwa Pet shop f'Haz-Zabbar. Jispjega li f'dak il-hin tal-arrest taghhom huwa kien ma shabu Jake u Alessandro Infurna fil-parking tal-Axis fejn kienu ha jpejjpu joint. Jghid li dak il-hin marru l-pulizija fuqhom fejn sabu l-imsemmija qratas fil-pussess taghhom. Jghid li fil-pussess tieghu l-pulizija sabulu zewgt iqratas. Jghid li dakinhar ma lahaqx ikkonsma l-ebda sustanza illecita. Jghid li d-droga li kienet fil-pussess tieghu xtraha minghand Alessandro Infurna bil-prezz ta' Eur. 10 kull qartas mill-Furjana. Jghid li kienu biss huwa u Jake li kienu ha jikkonsmaw id-droga flimkien filwaqt li Alessandro kien fil-kumpanija taghhom ghaliex iltaqa maghhom Havana u baqgha maghhom. Jghid ukoll li ghalih qatt ma kien xtara droga minghand Alessandro madanakollu gieli kien xtara droga ghal Jake u dan f'zewgt okkazzjonijiet ohra. Jghid li kien jiltaqa ma Alessandro il-Furjana hdejn ic-*Chick King*.

Xehed ukoll **Jake Azzopardi** wara li l-proceduri fil-konfront tieghu gew fi tmiemhom. Huwa jghid li kien ilu jaf lill-qua imputat ghal dawn l-ahhar erba' snin bhala hbieb. Jikkonferma li sentejn ilu, fis-sajf kien inqabbdu fil-pussess tad-droga. Qal li huwa kellu zewgt iqratas filwaqt li l-qua imputat kellu zewgt qratas ukoll. Jien ukoll li din is-sustanza kienet inxtrat minghand Alessandro Infurna. Jispjega ukoll li dakinhar huwa ma setghax immur ma Cedric jixtri d-droga u ghaldaqstant kien mar il-qua imputat sabiex jixtri d-droga ghalihom it-tnejn bl-intendiment li imbaghad din tinqasam bejn it-tnejn. Jghid li huwa kien hallas Eur. 20.

Illi ghal dak li jirrigwarda s-sustanza ezebieta bhala Dok. MM u Dok. MM1, ma tqabbad l-ebda espert sabiex janalizza din is-sustanza u dana fid-dawl ta' dak iddikjarat mid-difiza a fol. 22 tal-atti processwali li ma hemmx il-htiega li jinghatar espert forensiku sabiex janalizza s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat kif ukoll ta' Jake Azzopardi stante li mhux kontesta li s-sustanza in kwistjoni kienet raza tal-Cannabis.

Min-naha taghha d-difiza talbet li jsir *Social Inquiry Report*. L-ufficjal tal-probation **Noelene Cassar** hejjiet l-imsemmi rapport. Hija spjegat li l-qua imputat jahdem full time f'Petshop. Tghid ukoll li ghalkemm fil-passat il-qua imputat

jidher li kellu problema bl-uzu tal-Cannabis illum il-gurnata ma ghadux jaghmel uzu mill-imsemmija sustanza. Tispjega li ttiehdulu erba' kampjuni tal-urina li rrizultaw kollha fin-negattiv. Minn intervisti li saru mal-familja tieghu jirrizulta li l-qua imputat sar izjed responsabbli u li llum huwa missier ta' zewgt itfal.

ii. Kunsiderazzjonijiet dwar htija:

Illi permezz tal-**ewwel imputazzjoni** l-qua imputat qed jigi akkuzat bi traffikar ta' raza tal-Cannabis. Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta kjarament li huwa kien xtara l-imsemmija sustanza minghand certu Alessandro Infurna kemm ghalih kif ukoll ghall-habib tieghu Jake Azzopardi. Kemm l-imputat fl-istqarrija tieghu kif ukoll Jake Azzopardi fix-xhieda tieghu jikkonfermaw li l-imsemmija sustanza nxtrat mill-qua imputat bl-intendiment li huma jaqsmuha flimkien u fil-fatt irrangaw anke l-flus fis-sens li Jake Azzopardi kien hallas ghad-droga tieghu. Fl-istqarrija tieghu l-qua imputat jispjega li din ma kinitx l-ewwel darba li huwa kien xtara s-sustanza Cannabis minghand Infurmat bil-ghan li jghaddieha lil Jake Azzopardi. Fil-fatt huwa jsemmi madwar zewgt okkazzjonijiet precedenti.

Illi l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti definitzzjoni ta' 'traffikar':

> *(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, <u>id-distribuzzjoni,</u> il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, <u>il-provvista</u>, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza: (sottolinear ta' din il-Qorti).*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marvin Cachia</u>**, gie ritenut:-

> *"Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-cannabis) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm traffikar skond il-ligi. Anke jekk wiehed ihalli d-droga f'post accessibbli ghal terzi u fejn jaf li x'aktarx ser tittiehed minn haddiehor, u din effettivament hekk tittiehed, ikun hemm traffikar".*

Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Il-Pulizija vs. Nathan John Farrugia</u>** mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 2014 nghad ukoll:

> *"Dan ifisser, kwindi, illi dik il-lista illi ssegwi wara mhiex ezawrienti u jista' jkun hemm sitwazzjonijiet illi mhumiex inkluzi f'din id-definizzjoni li ukoll jinkwadraw bhala traffikar. <u>Hu ovvju li l-ligi trid timpedixxi kull forma ta' transazzjoni illi tinvolvi d-droga</u>. U meta wiehed ipartat droga ma' ohra <u>jkun qieghed jipprovdi lil terz droga illi qabel ma kellux</u>. F'dan il-kaz gie allegat mill-istess appellant illi Mangion kien qallu illi kellu xi haga gdida u ghalhekk l-appellant ried jipprova din "ix-xi haga gdida" u ipprovda droga lil Mangion biex dan tal-ahhar jipprovdilu dak illi ried. Veru illi hawnhekk ma sarx skambju ta' flus; però sar skambju ta' droga u dan huwa l-korrispettiv. L-appellant ipprovda droga lil Mangion u li dan tal-ahhar hallsu billi tah droga ohra. Dan it-tpartit huwa skambju ekonomiku f'kull sens tal-ligi u jaqa' nettament taht id-definizzjoni ta' traffikar kif esposta mill-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi fid-dawl ta' dak suespost, dina l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li l-qua imputat forna / provda ('supplied' fit-test Ingliz) lil Jake Azzopardi bis-sustanza raza tal-Cannabis.

Illi l-abbli difensur jissottometti li dan kien kaz ta' '*trafficking by sharing*'. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Emeritus Prim' Imhallef Dr. V. De Gaetano fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs. Russell Bugeja</u>**" mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju 2008 fejn inghad:

> *"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet<u>, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess</u>. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. <u>Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Fl-istess sens issir ukoll referenza ghas-sentenza **<u>il-Pulizija vs. Marco Galea</u>** mghotija mill-istess Qorti fl-istess data.

Isir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Omissis</u>** deciza mill-Onor. Imhallef Edwina Grima fid-19 ta' Novembru 2015:

> *"Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet* ***Il-Pulizija v. Russell Bugeja*** *u Il-****Pulizija v. Marco Galea****, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fi-decizjoni impunjata.*
>
> *Illi huwa minnu illi il-qrati taghna jigu rinfaccjati spiss b'sitwazzjonijiet simili bhal dik li instab fiha l-appellanti, fejn grupp hbieb jinkarigaw lil wiehed minnhom sabiex jaghmel l-akkwist ghan-nom taghhom lkoll, u li tali persuna tispicca ikollha tiffaccja akkuzi dwar traffikar jew pussess aggravat. Izda ma jidhirx illi l-legislatur kellu f'mohhu dawn iccirkostanzi, li ghalkemm jimmeritaw l-attenzjoni tieghu, madanakollu ma jinkwadrawx rwiehom fid-dispost tal-ligi li jikkontempla 'l hekk imsejjah t-trafficking by sharing. Illi li kieku din il-Qorti kellha tabbraccja it-tezi prospettata mill-appellanti tkun qed tiftah il-bibien ghal abbuz serju fejn persuna intercettata b'ammont ta' droga jew sustanza illecita f'xi avveniment socjali tohrog bl-iskuza illi dawn hija akkwistathom bl-intenzjoni li taqsamhom ma' shabha, minghajr ma jingiebu provi ulterjuri sabiex tigi sostanzjata dina l-affermazzjoni."*

Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament, tenut kont il-fatti tal-kaz odjern, jinghad li l-qua imputat a priori kien akkwista d-droga ghalih kif ukoll ghal siehbu. Per konsegwenza c-cirkostanzi ma kienux tali li l-qua imputat xtara d-droga ghalih u wara ltaqa ma siehbu u tah minn tieghu. Per konsegwenza l-agir tal-imputat ma jinkwadrax fid-definizzjoni ta' *trafficking by sharing* hekk kif jirrizulta mis-sentenzi hawn fuq citati.

Jinghad ukoll li llum il-provisos ghas-subartikolu 22(9) tal-Kap. 101 gew emendati biex jaqraw:

*Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina inkwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien biħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt, il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:*

*Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħdabiss mid-dispożizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan.* (emfazi ta' din il-Qorti)

Illi l-agir tal-qua imputat setgha jaqgha fil-parametri tal-emendi introdotti u dana ghaliex mill-provi jirrizulta li huwa akkwista kwantita' zghira ta' droga biex tigi kkunsmata f'post wiehed flimkien ma habib tieghu u fuq talba tal-istess habib tieghu li kien fil-kumpanija tieghu meta kienu ser jikkonsmaw id-droga u li dan ghamlu minghajr profitt. Madanakollu mill-provi prodotti ma jirrizultax li din kienet kwistjoni ta' avveniment wiehed hekk kif jirrikjedi l-proviso hawn fuq citat. Dana ghaliex fl-istqarrija tieghu l-qua imputat jammetti li kien hemm madwar zewgt okkazzjonijiet ohra li huwa kien xtara s-sustanza illecita ghal Jake Azzopardi.

Ghaldaqstant dina l-Qorti ser issib lill-qua imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u dana minghajr ic-cirkostanzi stipulati fl-ewwel subartikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal dak li jirrigwarda **t-tieni imputazzjoni** u cioe' dik ta' pussess semplici ta' raza tal-Cannabis, jinghad li fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2019 l-qua imputat irregistra ammissjoni ghal din l-imputazzjoni. Madanakollu minn dak iz-zmien din l-imputazzjoni giet milquta bl-emendi introdotti f'Dicembru tas-sena 2021 senjatament permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021 galadarba mill-provi indubbjament jirrizulta li l-ammont kien inqas minn dak ta' seba' grammi. Bis-sahha ta' dawn l-emendi l-artikolu 4A tal-Kap. 537 jistipula:

*(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna,* ***ma għandux jikkostitwixxi reat****, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis.* (emfazi ta' din il-Qorti)

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

*(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*

*(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*

*(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*

*(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*

*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*

*(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*

*u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

*"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*

*"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*

*Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

***B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem****."* (emfazi ta' dina l-Qorti)

F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara procediment ezawriet fil-konfront ta' din it-tieni imputazzjoni.

iii. Kunsiderazzjonijiet dwar Piena.

Illi mill-atti processwali odjerni jirrizulta li l-prosekuzzjoni ddikjarat f'diversi okkazzjonijiet li l-qua imputat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2022, il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-qua imputat ghandu jibbenefika mill-imsemmi artikolu 29 tal-Kodici Kriminali b'zewgt gradi. Dina l-Qorti wara li annalizat l-atti processwali odjerni kif ukoll ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur ma jidhrilx li hemm ragunijiet il-ghaliex tiddipartixxi minn dak li ddikjara l-ufficjal prosekutur f'dan ir-rigward.

Ai fini ta' piena, din il-Qorti ser tikkunsidra ukoll mhux biss in-natura gravi tal-imputazzjoni li taghha ser jinstab hati izda ukoll ic-cirkostanzi tal-istess. Fil-fatt ghalkemm il-qua imputat ser jinsab hati ta' traffikar, ic-cirkostanzi juru li dan sar f'ambitu fejn huwa kien xtara l-imsemmija sustanza f'ammont zghir ghalih u ghal habib tieghu kif ukoll li huwa ghaddieha lill-habib tieghu minghajr profit u bil-ghan li jikkonsmawha flimkien.

Illi Qorti ser tqis ukoll l-eta' li qua imputat kellu meta gew kommessi r-reati odjerni kif ukoll it-trapass taz-zmien mill-allegati reati. Ser tqis ukoll li minn dakinhar tal-kaz odjern il-qua imputat jidher li indirizza l-problema tal-uzu tal-Cannabis u llum ghandu hajja u xoghol stabbli bis-sapport tal-membri tal-familja tieghu.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha dina l-Qorti ser tinfliggi piena lejn il-minimu taghha.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti wara li rat l-artikoli relevanti tal-ligi senjatament l-artikolu 8(b) u s-subartikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat filwaqt li qed issib l-istess imputat Cedric Lino Mifsud hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' ammenda fl-ammont ta' Eur. 58.23.**

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-uzu tad-droga, esebiti bhala Dokument MB, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**